**18 ta' Marzu, 1964.**

**Imhallef:**

**Onor. M. Caruana Curran B.A., LL.D.**

Robert Butler

Lieutenant Colonel John Philip
d'Estoteville Shipwith nomine

**Government Notice 716 tal-1942 — retroattività — Inkompetenza tal-Qorti "ratione materiae" — Emergency Compensation Board — Interess guridiku.**

*L-interess li jrid jkun jeżisti fl-attur huwa interess dirett, leġittimu u attwali. Huwa biss ir-relazzjoni ghar-riżultanza utili li l-attur jipprometti lilu nnifsu bl-azzjoni li l-Qorti tista' taro jekk huwa ghandux dak l-interess li l-konvenut jikkontestalu.*

*Tribunal speċjali mghandux jiġi prevenut fid-deċiżjoni tieghu bejn l-istess partijiet, ghax il-kompetenza tieghu fil-meritu prinċipali tassorbixxi u tattrahi maghha il-kompetenza ghall-kwistjonijiet l-ohrajn inċidentali jew aċċessorji bhal ma hija il-kwistjoni tal-limitu tal-applikazzjoni tal-liġi fiż-żmien.*

*Meta wiehed ihares lejn il-compensation (Motor Vehicles) Regulations 1942, (G.N. 716 tal-1942 kif emendati) wiehed jasal ghal konklużjoni li r-rinviju ghalihom li hemm fir-regolament 5 (8) tal-Compensation (Emergency) Regulations, 1943, huwa rinviju ghat-totalita' taghhom u mhux ghall-parti biss minnhom u dawk ir-regolamenti tal-1942 dwar il-vejikoli jahsbu mhux biss ghar-rata ta' kompensazzjoni dwar l-użu imma anke ghad-danni.*

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, in kontestazjoni ta' Lord Harry Thurlow fil-kwalità tiegħu ta' General Officer Commanding Troop, Malta, wara li ppremetta illi huwa għandu kreditu kontra il-konvenut nomine rigwardanti kiri ta' karozzi taħt 'impressment', dewmin imħabba ħsarat, żebgħa ta' 'camouflaged' cars u danni dovuti għall-kolliżjonijiet u illi l-konvenut nomine jinsisti jgħid illi f'dan il-każ u cioè għal perijodu 1939 sa l-aħħar ta' Diċembru 1942 hija applikabili l-Government Notice numru 716 tal-31 ta' Diċembru, 1942 u illi ma jirriżultax li din il-Government Notice hi retroattiva, talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet li hemm bżonn, din il-Qorti tiddikjara illi l-Government Notice Nru. 716 tal-1942 ma hix retroattiva u ma setgħax u ma tistax tiġi applikata għall-kwalunkwe perijodu qabel il-promulgazzjoni tagħha fil-31 ta' Diċembru, 1942, Bl-ispejjeż u b'riserva favur l-attur li jipproċedi għall-likwidazzjoni tal-bilanċ dovut lilu mill-konvenut nomine, b'ġudizzju separat.

Rat . . . omissis . . .

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut nomine li biha issolleva l-inkompetenza ta' din il-Qorti "ratione materiae" peress li l-kwistjoni involuta tirrigwarda pretensjoni ta' ħlas ta' kumpens ta' rekwissizzjoni u ta' "impressment" ta' karrozzi u azzjonijiet konsekwenzjali huma ta' ġurisdizzjoni tal-Emergency Compensation board, b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat . . . omissis . . .

Ikkunsidrat:

Illi l-kwistjonijiet preġudizjali quddiem il-Qorti huma

tnejn, dik tal-karenza tal-interess tal-attur u dik li l-kompetenza ta' din il-Qorti hija eskluża mill-kompetenza tal-Emergency Compensation Board.

Illi hawn hekk tqum il-kwistjoni l-oħra liema minn dawn iż-żewġ eċċezjonijiet għandha tiġi deċiża l-ewwel. Il-kompetenza tippostula l-azzjoni mentri mingħajr interess ma hemmx azzjoni.

Illi għalhekk ż-żewġ eċċezzjonijiet sa ċertu punt jikkompenetraw ruħhom ma xulxin u għal mument jistgħu jiġu ikkunsidrati bħala eċċezjoni waħda ta' natura "mista" (Wing Commander James Maxwell Watson vs. Leonardo Sacco — sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni Koll. Vol. XXXIV, 11, 454 u fuq it-tieni eċċezzjoni Koll. Vol. XXXV, 1, 36 et seqq. u speċjalment p 38). F'din is-sentenza hemm insenjamenti dwar l-elementi tal-interess u l-kompetenza li l-Qorti issib utili għall-finijiet ta' din il-kawża.

Illi l-interess li jrid ikun jesisti fl-attur huwa interess dirett, leġittimu u attwali, u il-Qorti qegħda tfakkar f'dan il-prinċipju trit u ritrit mhux għas-sempliċi ripetizzjoni tiegħu imma għaliex dikjarazzjonijiet bħal dik mitluba f'din il-kawża ma jistgħux "invacuo" jiġifieri biex jingħata parir jew għall-skop akkademiku mingħajr risultanza utili. Huwa biss ir-relazjoni għar-risultanza utili li l-attur jipprometti lilu nnifsu bl-azzjoni (Koll. Vol. XXV, 1, p. 250) li l-Qorti tistgħa tara jekk huwa għandux dak l-interess li l-konvenut qiegħed jikkontestalu u f'dan il-każ l-interess qiegħed jiġi kkontestat evidentement in kwantu li l-konvenut jirritjeni li l-Emergency Compensation Board bħala it-tribunal kompetenti biex japplika il-Compensation (Motor vehicles) Regulations 1942 (Govt. Not. 716 tal-31 ta' Diċembru, 1942) huma ukoll it-tribunal kompetenti biex jiddikjara jekk humiex retroattivi jew le.

Illi fis-sentenza fuq ċitata u f'sentenza oħra pubblikata fil-Koll. Vol. XXVIII, 1, 23, ġie deċiż li "il tribunale civile ha indubbiamente il potere di applicare non solo le leggi di natura meramenti civile ma anche norme di indole diversa, quando dal fatto sorge una quistione di indole privata", u dan il-prinċipju huwa paċifiku u ġie segwit anke fis-sentenza l-oħra iżjed il fuq imsemmija (Watson-Sacco) billi l-Qorti, biex ma tipprevenix lill-War Damage Commission, illiberata mill-osservánza tal-ġudizzju u kompliet il-kawża kontra il-parti privata għaliex is-sentenza eventwali kienet sejra tkun "res inter alios acta" għal dik il-Kummissjoni. Imma hawnhekk il-kwistjoni hija differenti. Mhiex jekk il-Qorti għandhiex tapplika jew le l-regolamenti imsemmija fiċ-ċitazzjoni imma proprju jekk dawk ir-regloamenti humiex retrospettivi jew le.

Illi in linea ġenerali kwistjoni bħal din donna li ma tistax tifforma meritu ta' ġudizzju "a se stante" għaliex dak il-ġudizzju ikun intis biex jiġi ottenut parir mill-Qorti. Dik il-kwistjon però tkun tista tiġi investita mill-Qorti bħala formanti parti mill-meritu tal-pretensjoni li isservi ħa ta' sfond jekk u kemm il-darba l-attur jiddeduċi dik il-pretensjoni u l-konvenut, f dik l-azzjoni, jikkombattieh bl-imsemmija regolamenti.

Illi mill-banda l-oħra l-azzjoni tal-attur hija evidentement preordinata għad-deduzzjoni tal-pretensjoni prinċipali tiegħu għall-bilanċ li hu jallega li għad għandu jieħu min għand l-awtoritajiet tas-Servizzi għall-kompensazzjoni dwar l-użu ta' "impressed cars" u għad-danni sofferti minħabba u waqt dawk l-"impressments" fi żmien it-tieni gwerra mondjali. Għalhekk ir-risultanza utili li huwa jista jispera minn din l-azzjoni hija proprju dik li jantiċipa l-eċċezzjoni ġja sa ċertu punt adombrata fil-korrispondenza mill-kontro-

parti, u għalhekk, taħt dan l-aspett, donnu li ma jistgħax jingħad li l-attur huwa għal kollox priv minn interess attwali, għalkemm, peress li huwa qiegħed jantiċipa l-eventi ġudizzjarju huwa, anke f'każ ta' eżitu favorevoli tad-domanda tiegħu, ikollu dejjem ibati li spejjeż. Apparti minn l-interpretazzjoni tal-azzjoni tal-attur li l-Qorti qiegħda tadotta bħala l-iżjed beninja u kostruttiva għal każ, il-Qorti ma tistgħax issib interess ieħor fiha ħlief dak li jingħata ftit iżjed ħabel lill-korrispondenza, ġja b'iżżejed antikja u twila, li l-attur irnexxielu, b'mod jew ieħor, iżomm miftuħa mal-Awtoritajiet Militari, għal iżjed minn għoxrin sena, mingħajr qatt ma iddeduċa in ġudizzju il-pretensjoni tiegħu fil-meritu; u dan ma jikkostitwix interess ġuridiku.

Illi għalhekk din l-azzjoni tista' biss tagħmel sens ġuridiku u tkun akkompanjata mid-debitu interess in kwantu tista tkun preordinata għall-oħra dwar sostanza tal-"claim" tal-attur. Kieku mhux għalhekk il-Qorti lanqas ma kienet tgħaddi iżjed il-quddiem fil-konsiderazzjoni ta' din is-sentenza. Imma proprju għaliex l-azzjoni hija salvabili, fil-kamp tal-interess, in kwantu hija preordinata għal dik l-oħra, il-kompetenza għall-azzjoni presenti tkun ta' din il-Qorti biss jekk l-azzjoni l-oħra li hija l-azzjoni prinċipali, hija ta' l-istess kompetenza. Jekk mhix, allura għandha tidħol in applikazzjoni r-regola "accessorium sequitur principale" (Mattirolo Vol. 1 para 957 et seqq. u l-opinjonijiet tal-Pescatore u tal-Pisanelli hemmhekk ċitati għalkemm dawn l-awturi qegħdin jikkommentaw l-art. 103 tal-Kodiċi Taljan tal-Proċedura ta' żmienhom il-prinċipju jibqa l-istess anke fil-liġi tagħna). L-aċċessorjetà tal-kawżi hija esempju tal-"konnessjoni" tal-kawżi u għaliha mhix essenzjali li jkun hemm ġja żewġ kawżi intavolati. Infatti l-kwistjoni tar-retroattività tar-regolamenti dedotti f'din l-azzjoni mihiex ħlief inċident sollevabili fil-kawża dwar il-

meritu prinċipali u li l-attur qiegħed jipprova jantiċipaha b'din l-istanza mingħajr ma jidħol f'dak il-meritu.

Illi taħt dana l-aspett il-kas presenti huwa paragonabili ma dak li jista jiġri kieku issir liġi biex tawmenta jew tnaqqas il-"fair rent" tad-djar u sid jew inkwilin jadixxi din il-Qorti biex tiddikjara li dik il-liġi hi jew mihiex retroaspettiva meta ġja hemm tribunal ieħor kompetent mhux biss biex jirregola il-kera imma anke biex jiddeċiedi il-punti kolliha tal-liġi li jistgħu jinsorġu dwar kwistjonijiet ta' "fair rent". F'kas bħal dak ikun qiegħed jidher biss għall-apparenza li din il-Qorti tkun qiegħda tiġi adita fuq materja ta' kompetenza ordinarja, mentri in realtà il-kwistjoni tkun ta' kompetenza tat-tribunal speċjali li ma għandux jiġi prevenut fid-deċiżjoni tiegħu bejn l-istess partijiet, għax il-kompetenza tiegħu fil-meritu prinċipali tassorbixxi u tattrahi magħha il-kompetenza għall-kwistjonijiet l-oħrajn inċidentali jew aċċessorji bħal ma hija il-kwistjoni tal-limitu tal-applikazjoni tal-liġi fiż-żmien.

Fil-każ presenti l-Qorti hi tal-opinjoni li l-kompetenza għal vertenza prinċipali bejn il-kontendenti hija tal-Emergency Compensation Board. L-Onorabbili Qorti tal-Appell fis-sentenza **Giuseppe Borg versus Algernon Crockford noe** (Vol. XXXIII, 1, 97) kienet iddeċidiet fl-1947 li mentri l-fissazzjoni tar-rata ta' "impressment" kwantu għall-veikoli, kienet ta' kompetenza ta' dak il-Board, il-kwistjoni tad-danni kienet baqgħet ta' kompetenza tal-Qrati ordinarji. Din il-Qorti bir-rispett kollu, jidhrilha li hemm raġunijiet konvinċenti biex tiddikosta ruħha minn dak s-sentenza għarrigward tad-danni. Il-motivazzjoni ta' dik is-sentenza kienet bażata fuq konfront bejn ir-regolament 5 (1) (c) u 5 (6) tal-Compensation Emergency Regulations 1943 (G.N. 325 tal-1943 u dehrilha li kien hemm distinzjoni markata

ta' diċitura li minħabba fiha waslet għall-konkluzjoni li ma kienitx l-intenzjoni tal-leġislatur li jestendi il-kompetenza tal-Board anke għad-danni tal-veikoli. Meta wieħed iħares sew lejn il-Compensation (Motor Vehicles) Regulations 1942 (G.N. 716 tal-1942 kif emendati) wieħed però imissu jasal għall-konklusjoni li r-rinviju għalihom li hemm fir-regolament 5 (6) tal-Compensation (Emergency) Regulations, 1943, huwa rinviju għat-totalità tagħhom u mhux għall-parti biss minnhom, u dawk ir-regolamenti tal-1942 dwar l-veikoli jaħsbu mhux biss għar-rata ta' kompensazzjoni dwar l-użu imma anke għad-danni (vide Reg. 16-17-18-19). Evidentement il-leġislatur ma riedx, kwantu għal veikoli, jiddisturba ir-regolamenti ġja esistenti u qisu inkorporahom b'riferenza fir-regolamenti ġenerali tal-1943. Iżda apparti minn dan, li l-Qorti ma tridx tagħmel wisq minnu peress li l-kwistjoni intavolata hija tar-retroattività o meno tal-G.N. 716 tal-1942, l-argument l-iżjed qawwi huwa li indipendentement minn kwalunkwe distinzjoni bejn "goods" (kif hemm definiti) u proprjetà oħra fil-Compensation (Emergency) Regulations, 1943 ir-regolament numru 59 tal-Malta Defence Regulations 1939 (li għadu in vigore blatt nru. XIII tal-1949 jereġġi li l-Emergency Regulation Board (vide G.N. 326 tal-1943) bħala tribunal-speċjali "for the purposes of determining whether any compensation is payable in respect of the taking possession of land, the requisition or acquisition of property other and of determining the amount of such compensation". Il-kelma "property" hawnhekk għandha s-sinjifikat kollu tagħha u tinkludi il-veikoli kif jingħad ukoll fir-regolament 2 tal-Compensation (Emergency) Regulations 1943;

Illi mhux presumibili li l-leġislatur li ħareġ in Notifikazzjonijiet Nru. 325 u 326 tal-1943 f'nifs wieħed kellu intenzjoni li r-regolament nru. 59 tal-Malta Defence Regula-

tions 1939 ,ma japplikax ukoll fis-sens li d-danni tal-veikoli jiġu konstatati u likwidati mill-istess Board li kien għadu kif istitwixxa proprju bħala Board kompost anke minn nies tekniċi in materja ta' danni u, kwantu għal veikoli, jillimita l-attività tal-Board għas-sempliċi fissazzjoni ta' rata ġornaliva skond li skeda li hemm fir-regolament nru. 2 tar-regolamenti tal-1942 (G.N. 716 tal-1942 fuq imsemmi) li hija ħaġa kważi awtomatika;

Illi anki fil-paragrafu (2) tar-regolamenti 59 tal-Malta Defence Regulations, 1939, kif sostitwit bl-imsemmi G.N. 326 tal-1942, insibu li "in determining the amount of compensation the Board shall apply the Compensation (Emergency) Regulations 1943" u dan huwa argument ieħor biex jingħad li peress li dawn ir-regolamenti jinkludu anke riferenza espressa għall-Compensation (Motor Vehicles) Regulations 1942, l-applikazjoni ta' dawn l-aħħar regolamenti (G.N. 716 tal-1942) hija wkoll kwistjoni fdata fil-kompetenza tal-Board, u b'applikazjoni" nifhmu anke il-kwistjoni tal-limiti tal-applikazzjoni tagħhom fiż-żmien.

Illi għalhekk din il-Qorti rispettosament sejra tiddiskosta ruħha mill-preċedent kostitwit bis-sentenza fuq imsemmija u tiddikjara li, kwantu għall-veikoli rekwissizzjonati jew "impressed" fi żmien l-aħħar gwerra, l-Emergency Compensation Board għandu kompetenza esklusiva mhux biss biex jiddeċiedi ir-rata ta' kompensazzjoni għall-użu tagħhom imma anke biex jiddikjara r-responsabbilità għaddanni u jillikwidahom fejn ikun il-kas.

Illi minn dan jitnissel wkoll li l-Board fuq imsemmi għandu l-kompetenza esklusiva biex jieħu konjizzjoni taddomanda għall-pagament tal-bilanċi talvolta dovuti lill-attur u li għaliha d-domanda avanzata f'din il-kawża għan-

dħa titqies bħala neċessarjament preordinata, kif fuq intqal, ammenoche mgħandiex tiġi dikjarata nieqsa min dak l-interess konkret da parti tal-attur u fil-konfront tal-konvenut li trid il-liġi.

Illi għalhekk id-domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni hija, in bażi għar-regola "accessorium sequitur principale" ta' kompetenza tal-Emergency Compensation Board, liema Board ma għandhux jiġi prevenut minn din il-Qorti f'deċiżjoni li tmiss lilu in relazjoni għal dawk il-fatti, eventi u rapport konkreti li l-attur, jekk għadu jista', imissu jiddeduċi quddiemu u liema ġew bl-ebda mod poġġuti quddiem din il-Qorti ħlief li premessa vaga u ġenerika fil-bidu taċ-ċitazzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddikjara li mhiex kompetenti "ratione materiae" biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża u tilliibera lil-konvenut "ab observantia judicii" bl-ispejjeż kontra l-attur.